C/2023/1252

28.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.11339 — CORVINUS / VINCI AIRPORTS / AIRPORT HOLDING)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1252)

1. Fl-20 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Corvinus Nemzetközi Befektetési Zártkörűen Működő Részvénytársaság ("Corvinus", l-Ungerija) ikkontrollata mill-Istat Ungeriż,

— VINCI Airports ("VINCI Airports", Franza), Ikkontrollati minn by VINCI S.A.,

— Airport Holding Tanácsadó Korlátolt Felelősségű Társaság ("Airport Holding", l-Ungerija).

Corvinus u VINCI Airports se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll bi sħab ta' Airport Holding.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Corvinus: finanzjament internazzjonali, akkwist ta' parteċipazzjonijiet f'industriji strateġiċi,

— VINCI Airports: il-ġestjoni u l-operat ta' ajruporti li jinsabu f'għadd ta' territorji fid-dinja kollha. VINCI Airports huma parti mill-grupp VINCI, grupp diversifikat li huwa attiv b'mod partikolari fl-oqsma tal-konċessjonijiet, l-infrastrutturi u l-inġinerija.

— Airport Holding: topera l-Ajruport ta' Budapest (inklużi s-servizzi ta' groundhandling).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11339 — CORVINUS / VINCI AIRPORTS / AIRPORT HOLDING

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË